VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,015, 26 ta' Ġunju, 2018
Taqsima B

A.L. 197 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Performing Arts (Honours) – B. Perf. Arts (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Performing Arts (Honours) – B. Perf. Arts (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Performing Arts – Dip. Perf. Arts;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor in Performing Arts (Honours) – B. Perf. Arts (Hons);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor in Performing Arts (Honours) – B. Perf. Arts (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2004 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu bħala "Studenti Adulti" (studenti maturi) skont il-paragrafu (ċ) tar-regolamenti 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u/jew esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku neċessarju biex isegwu l-Kors bi profitt. Dawn l-applikanti huma meħtieġa li mal-applikazzjoni tagħhom jissottomettu ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom għaliex jixtiequ jidħlu fil-Kors flimkien ma kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

(3) L-eliġibilità tal-applikanti msemmija f'paragrafu (2) ta' dan l-ordinament tiġi deċiża mill-Bord, wara intervista mmexxija minn bord li jkun maħtur għal dan il-għan.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju *full-time*, jew ħames snin ta' studju *part-time* meta l-Kors ikun offrut fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS u li prinċipalment jikkonsistu minn taqsimiet studju fl-oqsma ta' studju taż-Żfin, tat-Teatru u tal-Mużika, bil-kretti maqsuma bejn wieħed u ieħor b'mod ugwali bejn it-tliet oqsma. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma meħtieġa jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Grad, sakemm li l-programm ta' studju jkun imfassal skont id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS, u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew, ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għad-Diploma.

VERŻJONI ELETTRONIKA

7. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu l-180 krettu ECTS kif inhu deskritt fil-programm ta' studju għall-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-rizultati miksuba matul il-Kors, li għandhom jiġu mwieżna kif ġej:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	30%
Marka Medja tat-Tieni Sena	30%
Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-rizultati miksuba fit-taqsimiet studju li temmew b'suċċess.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.